# *L-Isqof Tumas Gargallo (1578-1614)*

**Jos. A. Farrugia**

L-Isqof Tumas Gargallo kien Spanjol li twieled fl-1536 f'Collbato', raħal żgħir viċin Monserrat, għalhekk hu baqa' dejjem devot tal-Madonna taħt it-titlu ta' Monserrat.

Qabel ma ħa f'idejh ir-riedni tal-Knisja f'Malta, Mons Tumas Gargallo kien diġà għadda xi snin bħala l-Vigarju Ġenerali tal-Isqof ta' qablu Mons Martin Royas. Għandna nżommu quddiem għajnejna li tliet snin biss qabel ma Gargallo laħaq Isqof Malta laqgħet iż-żjara tal-Viżitatur Appostoliku, Mons Pietro Dusina. B'hekk wieħed għandu jifhem li Mons Gargallo kien midħla sewwa tar-rapport dettaljat ta' dik iż-żjara storika għax f'dak ir-rapport sab għajnuna kbira biex jippjana l-attività pastorali tiegħu. Hu kien jaf sewwa l-bżonnijiet kemm spiritwali kif ukoll soċjali tal-poplu Malti li kien fdat f'idejh,




*Pittura fuq it-tila tal-Isqof Tumas Gargallo.*

Fl-1578 Tumas Gargallo kien diġà Viċi Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta meta l-għażla tiegħu bħala Isqof ta' Malta kienet konfermata mill-Papa Gregorju XIII f'Awwissu tal-istess sena. Hu kien ikkonsagrat Isqof f'Palermo.

Il-kittieba tal-ħajja tal-Isqof Gargallo kollha jsemmu l-ħafna tilwim li kellu ma' diversi awtoritajiet ta' Malta. Ma kienx jinġieb mal-Gran Mastri tal-Ordni li hu kien membru tiegħu. Kien kisirha mal-Gran Mastri La Cassiere, ma' Verdalle, u ma' Garzes. Kellu nkwiet mal-Ġurati tal-Università, il-Gvern lokali li kien jiltaqa' fl-Imdina, mal-kapitlu tal-Katidral tal-Imdina u mal-Inkwiżitur. Ġie sospiż mill-Papa għal sitt xhur għax ma ħallasx somma ta' flus lill-Inkwiżitur, Cefalotto.

Fil-parti ta' fuq tal-arma ta' kunjomu insibu l-bandiera tar-Religjon: salib abjad fuq sfond aħmar; fil-parti tan-nofs serduk sewdieni fuq tiegħu, fuq sfond abjad; fil-parti t'isfel strixxi vertikali waħda ħamra, oħra safra kollox imdawwar minn bordura ta' kulur isfar. F'dik l-arma l-iktar li jispikka hu s-serduk, *gallo* hekk tfisser bit-Taljan. Fil-fatt hu hekk kien. Meta bniedem ikun serduk ikun irid li dejjem tgħaddi tiegħu; jisserdek fuq ħaddieħor, ngħidu aħna. Hu kien deskritt bħala bniedem furjuż (*uomo di spirito fiero*, jgħidlu l-kittieb tal-Istorja tal-Ordni, Pozzo).

Fl-10 ta' Frar tal-1588 l-Ordni tal-Kapuċċini ġie stabbilit f'Malta fuq art mogħtija mill-Gran Mastru Verdala f'post barra l-belt Valletta, illum il-Floriana. L-Isqof Gargallo ħa pjaċir bihom.

L-uniku ħabib li kellu l-Isqof Gargallo kien Dun Bartilmew Mangion, il-kappillan ta' Bir Miftuħ. In-nies ta' Ħal Tarxien kienu talbu kemm-il darba lill-Isqof Gargallo biex joftom lil Ħal Tarxien minn Bir Miftuħ u jagħmlu parroċċa għalih, iżda l-Isqof kien iħoss li jekk jagħmel hekk ikun qed joffendi lill-uniku ħabib tiegħu, Dun Bartilmew Mangion. Għalhekk kien wara l-mewt ta' Dun Bert li ġrat fit-23 ta' Mejju 1592,

li lil Ħal Tarxien għamlu parroċċa għalih fid-29 ta' Mejju 1592. Fl-istess jum fired ukoll lil Ħal Kirkop minn Birmiftuħ u għamlu parroċċa. Barra minn Ħal Tarxien, l-Isqof Gargallo għamel dawn il-parroċċi: l-Isla fl-1581, lill-Bormla fl-1584, lil San Pawl Nawfragu, Il-Belt fl-1585, lil Santa Marija Damaxxena, il-Belt fl-1587; lil Ħal Lija fl-1594; lill-Imqabba fl-1598; lil Ħal Safi fl-1598; lill-Mosta fl-1608 u lil Ħal Għargħur fl-1610. B'dan it-twaqqif ta' parroċċi hu mexa fuq it-tagħlim tal-Konċilju ta' Trento.

Kien l-Isqof Gargallo li iddikjara li San Publiju hu wieħed mill-patruni ta' Malta.

Probabbilment l-aktar ħaġa li jibqa' mfakkar għaliha l-Isqof Tumas Gargallo kienet għall-fatt li kien strumentali biex jinġieb l-Ordni Reliġjuż tal-Ġiżwiti fil-gżejjer Maltin. Meta l-Ordni Ġiżwita kien wasal f'Malta fis-sena 1592 dan kien ifisser li kien qiegħed jinġieb f'Malta Ordni prattikament ġdid. Dawn qabel ma ġew Malta ffirmaw kuntratt biex iwaqqfu kulleġġ ta' tagħlim fil-Belt Valletta, qrib fejn illum hemm il-knisja tal-Ġiżwiti. L-Isqof Gargallo xtaq ħafna li jiftaħ Seminarju għall-kleru Malti kif kien ordna Mons Dusina fuq it-tagħlim tal-Konċilju ta' Trento, iżda ma setax; għalhekk hu għadda l-flus li kellu lill-kulleġġ tal-Ġiżwiti. L-Università ta' Malta taf il-bidu tagħha mit-twaqqif ta' dan il-kulleġġ. Fis-sular t'isfel ta' dan il-kulleġġ kien hemm sa ftit snin ilu l-Liċeo, li l-arma tal-Isqof Gargallo, s-serduk, ġiet adattata għal din l-iskola kif konna narawha fuq l-uniformi tal-istudenti liċeali.

Ir-rabta tal-Isqof Gargallo mal-Ġiżwiti ma spiċċatx hawn. Hu kien wera x-xewqa li wara li jmut jindifen fil-knisja tagħhom tal-Belt Valletta. Fil-fatt, wara li Fra Tumas Gargallo miet fl-10 ta' Ġunju 1614 fid-dar tiegħu, li kellu fuq l-għolja ta' Santa Margerita' f'Bormla, il-fdalijiet tiegħu ttieħdu lejn il-belt Valletta u ndifnu fil-knisja tal-Ġiżwiti. Iżda anki l-mewt tiegħu kellha taqla' xi problemi għax il-Kapitlu tal-Katidral deherlu li bħala Isqof ta' Malta kellu jindifen fl-Imdina ħdejn l-Isqfijiet l-oħra. Il-Gran Mastru Wignacourt ħa f'idejħ it-tmexxija tal-funeral ta' Gargallo u sar kif kien xtaq Gargallo nnifsu.

Għalkemm il-ġisem indifen fil-knisja tal-Ġiżwiti tal-belt Valletta, il-qalb tħalliet fil-Birgu fil-kappella tal-Madonna ta' Monserrat, li kien hemm fil-knisja ta' San Lawrenz. Illum il-ġurnata jekk wieħed imur sal-knisja tal-Ġiżwiti, u jersaq fil-kappella tal-Madonna ta' Monserrat għandu jara lapida ferm sabiħa u kulurita li turi l-aħħar post ta' mistrieħ għall-Isqof li kellu episkopat kemxejn imqanqal.

In-nies ta' Ħal Tarxien jibqgħu jiftakru f'dan l-Isqof għax hu kien li għamel lil Ħal Tarxien parroċċa. Bir-raġun kollu waħda mit-toroq hi msemmija għalih f'Ħal Tarxien.

**Riferenzi:**


"Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid" ta' E. B. vella 1932, pg. 132

"Ħal Tarxien" ta' Vincent Battistino 1993, pg. 35

"Storja ta' Malta" ta' Andrew P. Vella Vol. II 1979, pg. 36, 44, 47, 53

"Istituti ta' Ħajja Kkonsagrata" ta' Alex Bonnici, Kullana Kulturali # 11, 2000, pg. 43, 64, 108

"Ġrajjet Malta" tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, 1980, pg. 53 sa 55

"Romegas" ta' Carmelo Testa pg. 162, 168, 169, 170 sa 174

"History of the Church in Malta" ta' Alex Bonnici Volume II 1968 pg. 11, 30

""Lill-Ħbiebna" April 1998, pg.79,80

"Il-Mument" ta' 21 ta' Frar 1999, pg. 3

"Leħen is-Sewwa" ta' 28 t'Awwissu 1999 pg. 20

"Leħen is-Sewwa" ta' 13 ta' Novembru 1999 pg. 9

"Grand Master Wignacourt" ta' Michael Galea, pg. 93, 94, 95

"Knejjes li ma għadhomx jidhru ġewwa l-Birgu" ta' Gus. Prosella Flores 2002, (Rivedut u Aġġornat) pg. 36, 133

"The Sunday Times", 29 ta' Frar 2004 pg. 44, 45

"Żmien il-Kavallieri f'Malta 1530-1798" ta' Joseph F. Grima, 2001, Kullana Kulturali # 32, pp 69, 70

"Storja tal-Inkiżizzjoni ta' Malta" ta' Alexander Bonnici Vol. I, 1990, pp 97, 107 sa 110, 182, 183

Il-magażin "Il-Gran Mastri" Diċembru 1990, Nru. 5, kitba ta' Vincent Zammit pp.123, 124, 137



